# Lill-Kanarin

Dun Karm

A. F'din il-poeżija Dun Karm jindirizza lill-kanarin tiegħu biex jgħidlu kemm japprezza l-fatt li dan idawwallu ħajtu fin-niket li jġarrab. Aqra sewwa l-messaġġ fil-paġna li jmiss u għarbel jekk jaqbilx mal-ħsieb tal-poeżija.

Kieku int kont tiktiblu l-istess messaġġ jew kont tiktiblu xi ħaġa differenti?

Għażiż Kanarin ta' Qalbi,

Permezz ta' dawn iż-żewġ versi nixtieq nirringrazzjak tal-kumpanija leali tiegħek. Int tagħmel minn kollox biex tferraħni u ma tħallinix inħossni waħdi u mnikket, anke meta ma tantx nagħti kasek u nkun medhi f'affarijiet oħra. L-għana tiegħek huwa ħelu daqs il-kant tal-anġli u lili jimlieni bil-kuraġġ u bit-tama.



Inħobbok ħafna - Dun Karm

**B**. Ikteb messaġġ ta' ringrazzjament lil xi ħaġa li tferrħek (bniedem, annimal, oġġett u l-bqija) biex tispjega kif din tbiddillek il-burdata għall-aħjar.

Ara l-eżempju li ġej u ikteb il-messaġġ tiegħek fil-kartolina ta' wara.

*Lill-ħelsien tiegħi,*

*Nixtieq nirringrazzjak mużika, għax kull meta nkun imnikkta int tkun ir-raġġ ta' dawl f'ħajti. Miegħek nista' nibqa' siekta għax mal-ewwel tifhem il-qagħda li nkun fiha u ġġegħelni nħossni aħjar billi tneħħili l-għeja u tqabbadni l-aptit li niżfen.*



*Mingħand l-għażiża Nina*